

Brussell, 26 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12919/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0242 (NLE)**

**MAR 119
OMI 47
ENV 852
CLIMA 345**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali fit-tieni sessjoni straordinarja tiegħu dwar l-adozzjoni tal-emendi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL) - Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-30 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni matul it-tieni sessjoni straordinarja tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), li ser issir mill-14 sas-17 ta' Ottubru 2025 (MEPC/ES.2) u tirrigwarda l-adozzjoni tal-emendi għall-Anness VI tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL) u d-deżinjazzjoni tal-Atlantiku tal-Grigal bħala Żona ġdida ta' Kontroll tal-Emissjonijiet (ir-Regolamenti 13 u 14 u l-Appendiċi VII tal-Anness VI tal-MARPOL), l-aċċessibbiltà tal-Bażi ta' Data tal-IMO dwar il-Konsum taż-Żejt tal-Fjuwil mill-Bastimenti (IMO DCS) u l-klawżola ta' rieżami tal-miżura ta' tnaqqis tal-gassijiet serra (GHG) fuq terminu qasir (ir-Regolamenti 20, 25, 27 u 28 tal-Anness VI tal-MARPOL), kif ukoll il-Qafas tal-Emissjonijiet Żero tal-OMI (il-Kapitolu 5 l-ġdid tal-Anness VI tal-MARPOL).

3. L-emendi għall-MARPOL, li mistennija jiġu adottati matul l-MEPC/ES.2, ser ikunu jistgħu jinfluenzaw deċiżivament il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolamenti (UE) 2015/757¹ u (UE) 2023/1805² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi (UE) 2016/802³ u (UE) 2023/959⁴ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
4. L-emendi jikkonformaw mal-oġettivi tal-Unjoni li titjieb is-sikurezza marittima u li jiġu protetti l-ambjent tal-baħar u s-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari billi jiġu evitati, imnaqqsa u kkontrollati l-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja mill-vapuri, u billi jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

II. ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

5. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fit-8 u l-15 ta' Settembru 2025. Il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza ppreżentata f'dik l-aħħar laqgħa ġiet aċċettata mid-delegazzjonijiet.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu qabel li, sa fejn ikun rilevanti, jadatta l-proposta għal Deċiżjonijiet preċedenti simili tal-Kunsill, fost oħrajn dwar is-salvagwardji tat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u dwar l-eżerċitar tal-kompetenza bl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.
7. Il-Kummissjoni esprimiet tħassib dwar xi wħud mill-emendi li saru għall-proposta oriġinali tagħha.
8. Wara l-qbil fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ġie rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.

¹ Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE.

² Ir-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE.

³ Id-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi.

⁴ Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni.

III. KONKLUŻJONI

9. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jeżamina u japprova l-abbozz ta' deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument ST 12915/25, imħejji mill-ġuristi lingwisti, u jibagħtu lill-Kunsill bil-ħsieb li jiġi adottat f'sessjoni futura.
 10. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.
-